

Il-ftehim dwar il-Brexit approvat mill-Parlament Ewropew



Il-Parlament japprova l-Ftehim ta' Ħruġ Renju Unit-UE qabel ma' dan jgħaddi lill-Kunsill għall-aħħar pass tal-proċess ta' ratifikazzjoni.

- Il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit għaddha l-ostaklu ta' qabel tal-aħħar qabel ma jidħol fis-seħħi
- L-aħħar tappa hija l-vot bil-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, biex imbagħad il-Brexit iseħħi fil-31 ta' Jannar 2020

Il-Ftehim ta' Ħruġ ġie approvat mill-Parlament Ewropew nhar l-Erbgħa b'621 vot favur, 49 kontra u 13 il-astensjoni.

Matul dibattitu ftit qabel il-vot flimkien mal-Presidenza tal-Kunsill, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, u l-Kap Negozjatur tal-UE Michel Barnier, il-Parlament qies il-proċess ta' ħruġ s'issa u l-isfidi li għad fadal.

F'kummenti dwar l'importanza storika tal-vot, il-maġġoranza tal-kelliema f'isem il-gruppi politiċi qalu li I-ħruġ tar-Renju Unit mhux ser ikun it-tmiem tat-triq għar-relazzjoni bejn I-UE u r-Renju Unit u li r-rabtiet bejn il-popli Ewropej huma b'saħħithom u ser jibqgħu hekk. Huma semmew ukoll li jeħtieġ li jitgħalmu lezzjonijiet mill-Brexit li għandhom ifasslu l-futur tal-UE u rringrażżjaw lir-Renju Unit u I-MPE għall-kontribut tagħhom tul is-sħubija tar-Renju Unit.

Bosta minn dawk li tkellmu tennew il-kisbiet tal-Parlament fil-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u biex inaqqsu l-impatt negattiv tal-Brexit fuq il-ħajja ta' kulljum tan-nies. Huma wissew ukoll li n-negożjati dwar ir-relazzjoni futura ser ikunu diffiċli, speċjalment minħabba ż-żmien qasir biex titfassal ir-relazzjoni futura.

Il-Parlament b'rwl kruċjali dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit

Il-grupp tal-Parlament li jikkordina r-relazzjonijiet mar-Renju Unit, immexxi mill-President tal-Kunitat dwar I-Affarijiet Barranin [David McAllister \(EPP, DE\)](#), ser jikkoordina mat-[Task Force tal-UE għar-Relazzjonijiet mar-Renju Unit](#) u jikkoordina mal-Kunitat għall-Affarijiet Barranin u I-Kunitat dwar il-Kummerċ Internazzjonali u l-kumitat l-oħra kollha skont is-suġġett. Il-PE ser isegwi mill-qrib il-ħidma tan-negożjatur tal-UE, Michel Barnier, u jkompli jinfluwenza n-negożjati permezz ta' riżoluzzjonijiet. Il-ftehim finali ser jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament.

Tista' terġa' ssegwi d-dibattitu billi tikklikka fuq il-links hawn taħt:

Dikjarazzjoni ta' ftuħ minn [Guy VERHOFSTADT \(RE, BE\)](#)

Dikjarazzjonijiet ta' ftuħ minn [Nikolina BRNJAC, f'isem il-Presidenza Kroata u minn Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni](#)

L-ewwel round tal-kelliema tal-gruppi politiċi

[Dibattitu bejn il-MPE \(l-ewwel parti\)](#)

[Dibattitu bejn il-MPE \(it-tieni parti\)](#)

[Dibattitu bejn il-MPE \(it-tielet parti\)](#)

Dikjarazzjoni ta' għeluq minn-[Michel BARNIER u Nikolina BRNJAC](#)

Dikjarazzjoni ta' għeluq mill-President tal-Parlament Ewropew [David SASSOLI](#)

Il-passi li jmiss

Biex jidħol fis-seħħħ, il-Ftehim dwar il-ħruġ issa ser jiġi ppreżentat għal vot bil-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.

Il-perijodu ta' tranżizzjoni jibda fl-1 ta' Frar u għandu jintemm fl-aħħar ta' Diċembru 2020. Kwalunkwe ftehim dwar il-futur tar-relazzjoni bejn I-UE u r-Renju Unit ikollu jiġi konkluż bis-sħiħ sa dak il-mument jekk għandu jidħol fis-seħħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Il-perijodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba għal sena jew sentejn, iżda tali deċiżjoni trid tittieħed mill-Kumitat Konġunt UE-Renju Unit qabel I-1 ta' Lulju.

Il-Parlament Ewropew ikollu jirratifika l-ftehim dwar il-futur. Jekk il-ftehim jolqot kompetenzi li l-UE taqsam mal-istati membri, il-parlamenti nazzjonali jkollhom jirratifikaw ukoll.

Għal aktar informazzjoni

[Test adottat \(29.01.2020\)](#)

[Reġistrazzjoni tad-dibattitu \(29.01.2020\)](#)

[Abbozz tar-riżoluzzjoni](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Dokument ta' riċerka tal-PE, "Il-Parlament Ewropew wara l-Brexit" \(14-01-2020\)](#)

[Dokument ta' riċerka tal-PE, "Il-ftehim rivedut dwar il-Brexit: X'inbidel u x'inhuma l-passi li jmiss?" \(22-10-2019\)](#)

[Aqra iż-żejjed dwar il-ħidma tal-PE dwar il-Brexit](#)

[Riżoluzzjonijiet tal-PE u informazzjon dwar il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija tal-PE dwar il-Brexit](#)

[Intervista tal-koordinatur tal-PE dwar il-Brexit, Guy Verhofstadt \(RE, BE\)](#)

[Materjal awdjo-viżiv b'xejn](#)

Kuntatti

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

 (+32) 2 28 32357 (BXL)

 (+33) 3 881 74651 (STR)

 (+32) 470 96 47 35

 kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu

.....

John SCHRANZ

Press Officer

 (+32) 2 28 44264 (BXL)

 (+33) 3 881 74076 (STR)

 (+32) 498 98 14 02

 john.schranz@europarl.europa.eu

.....



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000